**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażati fuq kard**

*COM(2013) 550 final – 2013/0265 (COD)*

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2013/36/UE u 2009/110/KE u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE**

*COM(2013) 547 final – 2013/0264 (COD)*

(2014/C 170/13)

Relatur: **is-Sur Farrugia**

Fit-8 ta' Ottubru 2013 u fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażati fuq kard*

COM(2013) 550 final – 2013/0265 (COD)

u

*l-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2013/36/UE u 2009/110/KE u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE*

COM(2013) 547 final – 2013/0264 (COD).

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-13 ta' Novembru 2013.

Matul l-494 sessjoni plenarja tiegħu li saret fl-10 u l-11 ta' Diċembru 2013 (seduta tal-11 ta' Diċembru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'176 vot favur, 22 vot kontra u 12-il astensjoni.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' b'sodisfazzjon iż-żewġ inizjattivi leġislattivi, fil-pakkett dwar il-pagamenti li l-Kummissjoni ppubblikat fl-24 ta' Lulju 2013: id-Direttiva riveduta proposta dwar is-servizzi ta' pagament (PSD II) u l-proposta għal Regolament dwar tariffi tal-interkambju (Regolament IF).

1.2 Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa biex dawn il-proposti jgħaddu b'urġenza mill-proċess regolatorju tagħhom, sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' trasparenza dwar il-prezzijiet reali tal-pagamenti bil-kard kif ukoll l-ostakli għad-dħul fis-suq tal-pagamenti – inkluż it-tariffa tal-interkambju multilaterali. Il-KESE jinnota li s-suq tal-pagamenti għad m'għandux qafas regolatorju bbażat fuq evidenza empirika li tkun tista' twassal għal armonizzazzjoni sħiħa mas-SEPA. Barra dan, il-qafas legali għandu jippermetti kompetizzjoni ħielsa u miftuħa biex jitrawmu l-benesseri tal-konsumatur u l-operat tajjeb tas-suq ħieles. Is-suq Ewropew tal-pagamenti għandu jiżviluppa b'mod li jippermetti mudelli ta' pagament ġodda kif ukoll l-iżviluppi fit-teknoloġija.

1.3 Il-KESE jilqa' b'mod ġenerali l-limiti massimi proposti mill-Kummissjoni fir-Regolament IF, iżda jirrakkomanda li dawn il-limiti, kemm għall-pagamenti elettroniċi ta' kreditu kif ukoll ta' debitu, ikunu aktar baxxi minn kif proposti bħalissa. Sistema ta' debitu li ma toperax bl-użu ta' sistema ta' interkambju toffri lill-Ewropa alternattiva elettronika li tkun tassew irħisa, faċli u effiċjenti minflok il-flus u barra dan tiftaħ il-bibien għal opportunitajiet akbar għas-suq tal-kummerċ elettroniku kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll b'mod transkonfinali. Fl-istess ħin, sistema irħisa għat-tranżazzjonijiet bil-kard ta' kreditu ġġib magħha aktar benefiċċji għall-konsumaturi u l-ekonomija.

1.4 Il-KESE jemmen ukoll li dawn il-miżuri huma tant importanti li għandhom jiġu implimentanti bl-inqas dewmien possibbli. Jekk ikun possibbli għandhom jiġu introdotti limiti massimi fil-livell nazzjonali fi żmien sitt xhur wara l-adozzjoni tar-Regolament, iżda mhux aktar tard minn sena.

1.5 Il-KESE jirrakkomanda li tinstab alternattiva li tillimita wkoll it-tariffi imposti skont il-mudell kummerċjali ta' tliet partijiet. Fil-valutazzjoni tal-impatt ppubblikat mal-proposti, il-Kummissjoni tistqarr li l-mudell ta' tliet partijiet jista' jiġi eżentat mil-limiti proposti minħabba li għandu sehem tas-suq limitat u għax ġeneralment huwa ristrett għal użu kummerċjali. Minħabba l-iżvilupp mgħaġġel ta' mudelli tan-negozju ġodda u sistemi bbażati fuq il-cloud, il-KESE ma għandux l-istess fiduċja tal-Kummissjoni li dan se jibqa' l-każ.

1.6 Il-KESE jqis li l-kards kummerċjali għandhom jiġu inklużi fi ħdan il-limiti massimi fl-istess livell bħal dawk proposti għall-kards tal-konsumatur. Għandu jkun hemm dispożizzjoni biex tilqa' kontra kwalunkwe sforz mill-iskemi tal-kards favur użu akbar ta' kards kummerċjali.

1.7 Il-KESE jirrakkomanda aktar ċarezza fil-PSD II dwar ħlasijiet li l-banek jistgħu jitolbu mingħand fornituri terzi sabiex ikollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-kont tal-konsumatur. Il-KESE jifhem li l-Kummissjoni ma tqisx li l-banek għandhom jitolbu ħlas ta' tariffi bħal dawn, u jirrakkomanda li dan għandu jiġi ċċarat fit-test tad-Direttiva proposta.

1.8 Flimkien ma' dawn il-proposti, il-KESE jenfasizza l-ħtieġa ta' standards interoperabbli bis-sħiħ għall-pagamenti li jsiru fis-swieq kollha fl-Ewropa. Huwa meħtieġ aktar xogħol biex ikopri teknoloġiji ġodda u tingħata ċertezza. Huwa wkoll essenzjali li l-atturi rilevanti kollha jiġu kkonsultati u jżommu mal-istess standards. Dan se jeħtieġ tmexxija Ewropea ċentralizzata u struttura b'saħħitha ta' governanza.

## 2. **Kummenti u osservazzjonijiet**

2.1 Fl-2011, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet Green Paper "Lejn suq Ewropew integrat għal pagamenti bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl" ([1]), u l-pakkett dwar il-pagamenti huwa r-riżultat tal-konsultazzjoni li saret. Il-KESE jirreferi għall-Opinjoni tiegħu ([2]) li fiha indika l-ħtieġa ta' ċarezza u ċertezza dwar ir-regoli li jikkonċernaw it-tariffi tal-interkambju multilaterali u r-regoli tan-negozju assoċjati ma' ħlasijiet bil-kard. Ħafna kienu dawk li ħassew din il-ħtieġa fit-tweġiba tagħhom għall-konsultazzjoni. Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta għar-Regolament IF, li se tindirizza proprju dawn il-kwistjonijiet. Ir-Regolament, minbarra li jkun japplika għal tranżazzjonijiet li saru bl-użu attwali tal-kards tal-plastik, ikun japplika wkoll għal kull pagament elettroniku jew bil-mowbajl magħmul b'applikazzjonijiet li jużaw l-istess mudell ta' negozju.

2.2 Il-KESE jinnota li, skont iċ-ċifri tal-BĊE, it-total tal-ispejjeż soċjetali ta' pagamenti bl-imnut huwa ta' EUR 130 biljun jew 1 % tal-PDG u li l-prezz tat-tariffi tal-interkambju jirrappreżenta EUR 10 biljun ([3]). Is-suq bankarju tal-konsumaturi, il-livell ta' żvilupp tiegħu, u l-maturità tal-pagamenti elettroniċi u bil-kard tvarja b'mod sinifikanti minn Stat Membru għall-ieħor. Fil-parti l-kbira tal-Ewropa, u b'mod partikolari f'ċerti Stati Membri, dan huwa karatterizzat minn kompetizzjoni baxxa wisq, u b'hekk il-prezzijiet jinżammu għoljin u l-innovazzjoni tibqa' fqira.

2.3 Il-KESE jinnota li l-irtirar tal-flus mill-ATMs mhuwiex inkluż fil-leġislazzjoni proposta. Użu inqas tal-flus kontanti jista' jwassal għal żieda fil-pagamenti elettroniċi, u b'hekk jinħolqu benefiċċji għan-negozjanti u l-konsumaturi. Il-BĊE u l-Kummissjoni jagħrfu li l-flus kontanti għandhom prezz privat għoli u jistgħu jinkoraġġixxu ekonomija moħbija u l-evażjoni tat-taxxa, minħabba li t-traċċabilità u t-trasparenza tal-pagamenti bi flus kontanti huma baxxi.

2.4 L-użu tal-pagament elettroniku, kemm bl-internet kif ukoll bil-mowbajl, qed jiżdied b'rata mgħaġġla. Huwa essenzjali li l-ambitu regolatorju tal-Ewropa jkopri dawn il-bidliet. Il-KESE jinnota periklu, kif innutat wkoll mill-Kummissjoni, li l-iżvantaġġi tas-sistema ta' interkambju u ta' tipi oħrajn ta' spejjeż m'għandhomx jitħallew ikollhom effett konsegwenzjali fuq dawn it-teknoloġiji mobbli ġodda.

---

([1]) COM(2011) 941 final.

([2]) ĠU C 351, 15.11.2012, p. 52.

([3]) Rapport tal-BĊE, "The Social and Private Costs of Retail Payments Instruments", Occasional Paper 137, Settembru2012.

2.5 Il-KESE jappoġġja d-Direttiva proposta mill-Kummissjoni ([4]), dwar l-aċċess għall-kontijiet tal-pagament, li għandha tikkontribwixxi biex tħeġġeġ il-kompetizzjoni f'dan il-qasam. Idealment, din id-Direttiva għandha toffri t-trasparenza u l-informazzjoni meħtieġa dwar l-ispejjeż l-oħrajn kollha li jitħallsu mill-konsumaturi, liema informazzjoni mhix disponibbli bħalissa, u għandha ddaħħal provvediment sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jbiddlu minn bank għall-ieħor aktar faċilment biex isibu l-aktar soluzzjoni kost-effikaċi. Din għandha l-intenzjoni li kull ċittadin fl-Ewropa jingħata d-dritt li jiftaħ kont bankarju b'ċerti faċilitajiet minimi li jkunu b'xejn jew bi spiża "raġonevoli". L-għan globali tal-pakkett dwar il-pagamenti flimkien ma' din il-proposta għandu jkun li ċ-ċittadini kollha tal-UE għandhom ikunu jistgħu jagħmlu pagamenti elettroniċi bażiċi fuq l-internet kemm f'livell nazzjonali kif ukoll transkonfinali b'mod irħis u faċli.

2.6 Il-KESE jinnota wkoll in-nuqqas ta' data disponibbli dwar l-ispejjeż reali ta' metodi ta' pagament elettroniċi u n-nuqqas ta' trasparenza dwar din il-kwistjoni. Aktar data hija meħtieġa sabiex tkun tista' ssir analiżi sħiħa ta' dawn il-problemi bil-għan li jiġi stabbilit x'qed iħallsu l-partijiet differenti involuti. Għandha tingħata attenzjoni wkoll sabiex jiġu evitati l-konsegwenzi mhux intenzjonati, jiġifieri l-każ fejn it-tnaqqis ta' tariffi fuq naħa waħda tas-suq jista' jwassal għal spejjeż ikbar f'qasam ieħor tas-sistema.

2.7 Il-KESE jinnota li l-Kummissjoni kkummisjonat studju biex tivverifika l-impatt fuq in-negozjanti li jirriżulta mit-tariffi tal-interkambju multilaterali meta mqabbel mal-flus kontanti, permezz tat-test tal- indifferenza tan-negozjant (merchant indifference test) ([5]). Il-KESE jqis li hemm bżonn studji simili dwar il-perċezzjonijiet u l-attitudnijiet tal-konsumaturi rigward il-prezz ta' strumenti differenti tal-pagament minħabba li attwalment ftit hemm data empirika. L-istudju dwar l-impatt tal-PSD I u r-Regolament dwar il-ħlas transkonfinali, imħejji minn London Economics jagħti xi informazzjoni ([6]). Barra dan, studju reċenti ([7]) wera li s-soprataxxa kellha l-akbar impatt fuq l-imġiba tal-konsumaturi fl-għażla tal-metodu ta' pagament. Madankollu, il-KESE jinnota li jinħtieġu aktar studji biex jiġu verifikati l-effetti fuq l-imġiba tal-konsumaturi ladarba joħorġu fid-dieher l-ispejjeż vera tal-mudelli differenti ta' pagament.

2.8 Il-mudell tal-iskema ta' kard ibbażat fuq tariffa tal-interkambju multilaterali oriġinarjament tfassal biex iħeġġeġ l-użu tal-kards u ħadem tajjeb għal ħafna snin. Madankollu, dan issa għadda żmienu fis-suq mifqugħ tal-lum. Dan qed ixxekkel l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni bi ħsara għall-ekonomija tal-Ewropa b'mod ġenerali.

2.9 Il-ħlas tat-tariffa tal-interkambju multilaterali jintalab mill-bank tad-detentur ta' kard (bank tal-ħruġ) lill-bank tan-negozjant (il-bank akkwirenti) għal kull transazzjoni ta' bejgħ li ssir b'kard tal-pagament. It-tariffa hija mgħoddija mill-bank akkwirenti lill-bejjiegħ bl-imnut permezz ta' tnaqqis mill-ħlas tal-ammont tat-tranżazzjoni. It-tariffi tal-interkambju huma sors ewlieni ta' dħul mill-kards għall-banek li joħorġuhom (oħrajn jinkludu l-miżati annwali, interessi għall-użu ta' faċilità ta' kreditu, kumpens għal pagament tard, miżati ta' kambju tal-munita, eċċ.).

2.10 Bħalissa s-suq tal-pagament elettroniku fl-Ewropa huwa ddominat mill-kards, li huma proprjetà ta' żewġ skemi biss, li huma kbar ħafna u jitmexxew skont il-mudell tat-tariffi tal-interkambju multilaterali. Dan il-mudell ta' negozju jfixkel lill-kompetizzjoni f'diversi modi. Il-kompetizzjoni bejn l-iskemi tal-kards għall-klijenti tal-bank tal-ħruġ tkompli tgħolli t-tariffi, filwaqt li l-kompetizzjoni għall-klijenti li jkun detenturi tal-kards toħloq prodotti ġodda b'iktar benefiċċji "b'xejn" marbuta magħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li tiżdied il-kompetizzjoni fost il-fornituri tas-servizz ta' pagament.

2.11 Fl-2007, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-mudell tat-tariffi tal-interkambju multilaterali tal-MasterCard kien ftehim antikompetittiv, li jmur kontra s-sezzjoni 101 tat-Trattat tal-UE. MasterCard appellat mid-deċiżjoni iżda, f'Mejju 2012, il-Qorti Ġenerali tal-UE kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni bis-sħiħ u kkonfermat ukoll li t-tariffi tal-interkambju multilaterali applikati minn MasterCard kienu antikompetittivi u mhux meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-sistema tal-kards. MasterCard appellat kontra s-sentenza.

2.12 Ir-Regolament IF jipproponi t-trattament ta' dawn il-kwistjonijiet billi jistabbilixxi limiti massimi għat-tariffi tal-interkambju f'ċerti livelli għal ċerti tipi ta' kards, b'impożizzjoni tal-limiti wara perjodi ta' żmien speċifiċi. Ir-Regolament jipprova wkoll jindirizza u jħassar xi wħud mir-regoli kuntrattwali li jorbtu lill-utenti tas-sistemi tal-kards, liema regoli jingħad li huma antikompetittivi fl-impatt tagħhom.

([4]) COM(2013) 266 final, CES5943-2013, adottata fit-18 ta' Settembru 2013 (Għadha mhix diponibbli fil-ĠU).

([5]) Il-Kummissjoni ħatret lil Deloitte biex twettaq studju dwar l-ispejjeż ta' aċċettazzjoni tal-mezzi tal-pagament.

([6]) Ara l-Istudju dwar l-Impatt tad-Direttiva 2007/64/KE u dwar l-applikazzjoni tar-Regolament 924/2009 fis-sit elettroniku: http://ec.europa.eu/internal_market/payments/docs/framework/130724_study-impact-psd_en.pdf

([7]) Elke Himmelsbach u Nico Siegel, minn TNS iil-Ġermanja, "Hidden fees for card payments: Will transparency change consumer behaviour?"

2.13 Dan ir-Regolament jipproponi biss li jistabbilixxi limiti massimi għal tranżazzjonijiet bil-kards fi ħdan l-iskemi ta' pagament bejn erba' partijiet li jintużaw ħafna mill-konsumaturi; il-limiti massimi ma jkunux japplikaw għal kards kummerċjali (pereżempju Amex, Diners). Madankollu, fejn l-iskemi bejn tliet partijiet joħorġu kards jew jakkwistaw tranżazzjonijiet bil-kard permezz ta' banek liċenzjati – kif isir mill-Amex f'xi Stati Membri – dawn jitqiesu skemi bejn erba' partijiet.

2.14 Il-limiti massimi proposti jkunu japplikaw biss għal tranżazzjonijiet bil-kard tal-konsumatur u jkunu stabbiliti f'livell massimu ta' 0,2 % għall-kards ta' debitu u 0,3 % għall-kards ta' kreditu. Il-KESE ma għandu l-ebda għarfien dwar data definittiva bħala bażi għal dawn il-limiti massimi. Dawn huma l-istess bħal dawk adottati minn impenji offruti minn MasterCard fl-2009, wara l-azzjoni ta' kompetizzjoni. Barra dan, fl-2010 Visa Europe ħadet impenji għal 0,2 % fuq kards ta' debitu. Sussegwentament Visa Europe offriet ukoll li tieħu impenn għal livell ta' 0,3 % għall-karti ta' kreditu.

2.15 Għaldaqstant il-limiti massimi jirriflettu impenji tal-kompetizzjoni aċċettati mill-Kummissjoni abbażi tat-test tal-indifferenza tan-negozjant. Madankollu, il-KESE jinnota li l-Kummissjoni għadha trid ittemm l-istudju indipendenti tagħha li jissemma f'punt 2.7 aktar 'il fuq. Iċ-ċifri oriġinarjament ġew suġġeriti mill-iskemi tal-kards innifishom, bl-użu ta' data provduta minn għadd ta' banek ċentrali ([8]). Il-KESE jenfasizza li għandhom jiddaħħlu s-salvagwardji meħtieġa kollha fil-leġislazzjoni proposta biex jiġi żgurat li l-ispejjeż diretti għall-konsumaturi li jistgħu jkunu imposti mill-banek (bħal kummissjonijiet, tariffi tal-kard u tal-kont) ma jiġux miżjuda biex ipattu għat-tnaqqis tat-tariffi tal-interkambju multilaterali.

2.16 Madankollu, in-nota ta' spjegazzjoni għar-Regolament innifsu tirrimarka li bħalissa fi tmien Stati Membri t-tariffi tal-interkambju li japplikaw għat-tranżazzjonijiet bil-kards ta' debitu huma baxxi ħafna jew ma jeżistux u ma jħallu ebda effett negattiv sinifikanti fuq il-ħruġ tal-kards u l-użu tagħhom. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni tagħti appoġġ sostanzjali lill-fehma li kards ta' debitu tal-konsumatur ma għandhom ikollhom ebda tariffa ta' skambju ([9]). Il-KESE huwa tal-fehma li għandha ssir analiżi aktar dettaljata biex jiġu stabbiliti l-ispejjeż veri tat-tariffi tal-interkambju multilaterali għall-konsumatur kemm bħala soprataxxa kif ukoll bħala żidiet diretti fil-pezzijiet.

2.17 Il-KESE huwa tal-fehma li l-livelli tal-limiti massimi proposti fir-Regolament IF għandhom jitqiesu aktar bir-reqqa. Is-suq tal-kards ta' debitu huwa żviluppat ħafna fi kważi l-Istati Membri kollha fl-Ewropa u m'hemmx bżonn ta' inċentiv għall-użu ta' dawn il-kards permezz tal-kummerċjalizzazzjoni ffinanzjata mit-tariffi tal-interkambju. Barra dan, it-tariffi tal-interkambju multilaterali jżidu l-aċċettazzjoni tal-kards u b'hekk iġibu magħhom żieda fl-użu tal-kards; għaldaqstant b'mod ġenerali l-banek ftit li xejn ibatu minn telf ta' dħul.

2.18 Il-KESE jipproponi li l-proposta attwali tiġi emendata biex titwaqqaf sistema ta' kards ta' debitu mingħajr tariffi tal-interkambju multilaterali, abbażi tal-aktar skemi nazzjonali effiċjenti attwalment. Flimkien ma' dan, il-limitu massimu għall-kreditu, stabbilit għal 0,3 %, għandu jiġi rivedut bil-għan li jiġi ssettjat f'livell aktar baxx fi proporzjon mal-livell ta' dejn aktar baxx. Għandhom jiġu riveduti l-miżuri u għandha ssir valutazzjoni tal-impatt tagħhom fuq in-negozji u l-konsumaturi.

2.19 Ir-Regolament IF idaħħal il-limiti massimi fis-seħħ f'żewġ stadji: it-tranżazzjonijiet transkonfinali jkunu soġġetti għal-limitu massimu xahrejn wara d-dħul fis-seħħ u t-tranżazzjonijiet domestiċi sentejn wara d-dħul fis-seħħ. Il-KESE jiddubita kemm hu meħtieġ perjodu twil ta' tranżizzjoni bħal dan għat-tariffi tal-interkambju multilaterali domestiċi. Bosta mill-pagamenti jsiru lokalment u s-suq tal-pagamenti transkonfinali huwa żgħir ħafna paragun miegħu. Huwa għalhekk fis-suq domestiku li l-livelli tat-tariffi tal-interkambju huma l-akbar piż għan-negozjanti u konsegwentament għall-konsumaturi. Għas-suq domestiku, perjodu ta' tranżizzjoni twil daqshekk ikun ifisser li l-benefiċċji reali tar-Regolament jitwasslu tard iżżejjed.

2.20 Il-KESE jilqa' wkoll b'sodisfazzjoni il-bidliet fir-regoli dwar l-akkwist transkonfinali iżda jisħaq li dan ma għandux iwasssal biex jinħolqu ostakli ġodda bejn in-negozjanti kbar u dawk żgħar. Mid-dħul tagħha fis-seħħ, il-proposta tippermetti l-akkwist transkonfinali permezz tal-kards tal-konsumatur f'rata b'limitu massimu. Jekk ma ssirx implimentazzjoni nazzjonali kemm jista' jkun malajr (kif rakkomandat f'punt 1.4 aktar 'il fuq), dan jista' jfisser li bejjiegħa bl-imnut kbar ikunu jistgħu jibbenefikaw minnufih mil-limiti massimi għax imexxu l-operazzjonijiet ta' akkwist tagħhom għal Stat Membru b'tariffi tal-interkambju baxxi. Madankollu l-SMEs jkollhom jibqgħu iħallsu r-rati domestiċi għoljin. Wieħed ma jistax jassumi li l-banek domestiċi se jbaxxu r-rati minn rajhom sabiex ipattu għat-trasferiment ta' negozju lil akkwirenti transkonfinali. Nikkunsidraw ukoll li l-kards kummerċjali għandhom jiġu inklużi fir-regoli dwar l-akkwist transkonfinali billi jiġi ddikjarat li t-tariffa tal-interkambju li għandha tiġi applikata trid tkun dik tal-pajjiż fejn jopera l-akkwirent.

([8]) Ara l-MEMO tal-Kummissjoni Ewropea 13/719, 24 ta' Lulju 2013.

([9]) F'paġna 193 jissemma li l-alternattiva ta' projbizzjoni tat-tariffi tal-interkambju għall-kards ta' debitu, li tkun tista' twassal għal aktar benefiċċji għall-kummerċjanti u l-konsumaturi, jisthoqqilha aktar analiżi. Permezz ta' dan jiġi żgurat li l-maturità tas-swieq fiż-ŻEE, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħruġ u l-użu tal-kards ta' debitu, tkun f'qagħda fejn ma jkunx hemm għalfejn jintalbu tariffi tal-interkambju biex jingħata inċentiv għall-ħlasijiet bil-kard ta' debitu. Għalhekk reviżjoni għal dan il-għan tista' issir ftit wara li tkun ittieħdet azzjoni leġislattiva dwar it-tariffi tal-interkambju."

2.21 Il-KESE jappoġġja t-tneħħija tar-regoli dwar l-aċċettazzjoni tal-kards kollha. Jekk il-kards kummerċjali ma jiġux inklużi fil-limiti massimi, il-bejjiegħa bl-imnut jistgħu jirrifjutawhom. Taħt il-proposta tal-PSD II huma jkunu jistgħu wkoll idaħħlu soprataxxa fuq kards kummerċjali. Dan se jippermetti lin-negozjanti biex jiggwidaw lill-konsumaturi 'l bogħod mill-kards li jkollhom tariffi ogħla.

2.22 Madankollu l-KESE għandu dubji jekk l-esklużjoni ta' skemi tal-kards bejn tliet partijiet mir-Regolament hijiex alternattiva tajba u mhux konvint bir-raġunament tal-Kummissjoni li dawn il-kards se jkomplu jkunu mmirati fuq il-konsumaturi għonja ([10]). Jista' jkun hemm ir-riskju li l-banek jfittxu li jittrasferixxu lill-klijenti tagħhom għal sistemi bejn tliet partijiet, jew saħansitra għall-użu ta' kards kummerċjali li mhumiex koperti mir-Regolament.

2.23 Il-KESE jinnota wkoll li r-regoli dwar meta għandhom jinħarġu kards kummerċjali mhumiex ċari. F'ħafna Stati Membri n-negozji b'persuna waħda awtomatikament tinħarġilhom kard kummerċjali jekk jiftħu kont tan-negozju. M'hemmx ċarezza dwar kif jiġu stabbiliti dawn ir-regoli u jekk negozju żgħir ikunx jista' jitlob kard mhux kummerċjali. Barra minn hekk, ħafna kumpaniji jipprovdu kards tal-kumpanija lill-impjegati tagħhom u dawn ikunu jistgħu jintużaw ukoll għal finijiet mhux kummerċjali.

2.24 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon ir-regoli dwar l-għażla tal-applikazzjoni tal-pagament fil-post tal-bejgħ. Ir-Regolament jispeċifika li, meta l-apparat jew kard ikun fihom żewġ marki jew aktar ta' pagament, il-bank ma jistax jinkorpora għażla prestabbilita meta tinħareġ il-kard: l-għażla trid issir fil-post tal-bejgħ mill-konsumatur. Dan jagħti aktar libertà lill-konsumatur biex jagħżel l-aħjar metodu ta' pagament skont il-profil ekonomiku tiegħu. Ir-Regolament ineħħi wkoll ir-regola non-diskriminatorja u b'hekk jissemplifika l-informazzjoni li n-negozjanti jkunu jistgħu jew ma jistgħux jagħtu dwar it-tariffi tal-interkambju multilaterali li jħallsu.

2.25 Ir-Regolament għandu l-għan ukoll li jilqa' kontra ż-żieda fit-tariffi tal-iskemi biex jagħmlu tajjeb għat-tnaqqis fit-tariffi tal-interkambju multilaterali permezz tal-Artikolu 5 fejn, kwalunkwe kumpens li bank tal-ħruġ jagħti minn skema ta' kard tal-pagament fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' pagament jew attivitajiet relatati, jitqies bħala tariffa tal-interkambju. Madankollu, mhuwiex ċar li r-Regolament jagħti biżżejjed attenzjoni għal-livell ta' tariffi imposti fuq in-negozjanti mill-banek akkwirenti tagħhom stess u li jistgħu jkunu għoljin ħafna, b'mod partikolari għan-negozji żgħar li ftit għandhom setgħa ta' negozjar.

2.26 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjoni li ser tifred l-iskema tal-kards ta' pagament minn kull entità tal-ipproċessar. Permezz ta' dan ma jkunx possibbli li l-iskema ta' kards u s-servizzi tal-ipproċessar jingħabru flimkien f'pakketti (bundling) f'offerta kuntrattwali u, għalhekk, in-negozjanti se jkollhom il-possibilità li jiddeċiedu liberament l-għażla ta' pproċessar tagħhom. Dan se jżid il-kompetizzjoni u jippermetti applikanti ġodda fis-suq, li min-naħa tagħhom iraħħsu l-prezzijiet.

2.27 Fir-rigward tal-PSD II, il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-ftuħ tas-suq li din tkun tippermetti. Din id-Direttiva se tallinja r-regoli legali u tneħħi diverġenzi nazzjonali li rriżultaw min-natura fakultattiva ta' għadd ta' dispożizzjonijiet tal-PSD fil-preżent. Din se ġġib ċarezza legali rigward l-istatus ta' mudelli ta' pagament ġodda billi tpoġġihom ilkoll taħt l-istess reġim regolatorju. Għaldaqstant din se toħloq aktar kompetizzjoni fost il-fornituri, se tippermetti li jidħlu parteċipanti ġodda fis-suq u se tgħin biex tittejjeb l-effiċjenza u jitnaqqsu l-ispejjeż. Permezz ta' dan kollu, se tippromwovi l-iżvilupp ta' mudelli ta' pagament ġodda għall-kummerċ elettroniku. Barra minn hekk, se tipprovdi sigurtà, trasparenza u informazzjoni adatta għall-utenti tal-pagament.

2.28 Il-PSD II tinkludi wkoll fl-ambitu regolatorju tagħha l-fornituri tal-pagamenti terzi u se tbiddel id-definizzjoni ta' servizzi ta' pagament biex issir teknoloġikament newtrali, u b'hekk jiġi promoss l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda. Barra minn hekk, din se twitti t-triq għal mudelli ta' pagament ġodda billi tippermetti li l-fornituri tal-pagamenti terzi jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar il-kont tal-konsumatur. Dawn il-fornituri tal-pagamenti terzi għalhekk se jkunu jistgħu jivverifikaw jekk konsumatur li jkun irid iħallas onlajn ikollux biżżejjed fondi fil-kont tiegħu u jressqu l-awtorizzazzjoni mingħand il-konsumatur lill-bank tal-konsumatur stess biex isir il-pagament. Jingħataw salvagwardji lill-konsumaturi sabiex ikun żgurat li huma jkunu taw il-kunsens informat tagħhom lill-fornituri tal-pagamenti terzi biex jagħmlu dan.

2.29 Madankollu, element wieħed fejn il-PSD II ma titkellimx huwa jekk bank ikunx jista' jitlob tariffa lill-fornituri tal-pagamenti terzi (u għalhekk lill-konsumatur) biex jipprovdi dan is-servizz. Jekk dawn it-tariffi jkunu mifruxin u għoljin, x'aktarx li jħassru kull benefiċċju għall-mudell tan-negozju ta' fornituri tal-pagamenti ġodda terzi. Għalhekk inħeġġu lir-regolaturi biex jistabbilixxu li dan is-servizz għandu jiġi pprovdut b'xejn, jiġifieri bħala parti normali mis-servizz mogħti taħt kuntratt tad-detentur tal-kont, jew bi spiża raġonevoli.

([10]) Ara l-MEMO tal-Kummissjoni Ewropea 13/719, 24 ta' Lulju 2013.

2.30 Fir-rigward tal-ikklerjar u s-saldu, il-PSD II tagħmel xi tibdiliet. Taħt id-Direttiva dwar il-Finalità tas-Saldu, l-istituzzjonijiet tal-pagament ma jistgħux jieħdu sehem dirett f'mekkaniżmi tal-ikklerjar u s-saldu. Huma għandu jkollhom aċċess għal mekkaniżmi tal-ikklerjar u s-saldu indirettament permezz ta' banek kbar. Il-PSD II mhix se tkun qed tbiddel din is-sitwazzjoni radikalment: m'hemmx każijiet fejn l-istituzzjonijiet tal-pagament jingħataw aċċess ġenerali dirett għas-sistemi tal-ikklerjar u s-saldu. Taħt il-PSD II, ir-regoli għal aċċess indirett għandhom ikunu l-istess għat-tipi kollha ta' istituzzjonijiet tal-pagament (sakemm tibqa' l-ħtieġa ta' protezzjoni mir-riskju ta' saldu).

2.31 Punt ieħor li jrid jitqies huwa l-ħtieġa li fl-Ewropa jkun hemm ikklerjar u s-saldu f'ħin reali jew viċin il-ħin reali. Xi ġurisdizzjonijiet diġà għandhom sistema bħal din u oħrajn qed jistħarrġuha. Il-Federal Reserve Bank tal-Istati Uniti ħareġ dokument ta' konsultazzjoni dwar dan f'Settembru ta' din is-sena. Ir-regolaturi għandhom jikkunsidraw jekk huwiex il-każ li jinfurzaw tranżizzjoni lejn proċessi ta' ikklerjar u saldu li joperaw f'ħin reali permezz ta' inizjattiva regolatorja fil-futur.

2.32 Il-KESE jittama li l-PSD II se ġġib parteċipanti ġodda fis-suq tal-pagamenti, suq li se joffri soluzzjonijiet ta' pagamenti bl-użu ta' sistemi tas-SEPA għat-trasferiment tal-kreditu u bl-użu ta' sistemi tas-SEPA għad-debitu dirett. Prodotti tal-pagamaneti innovattivi bħal dawn iġibu magħhom tnaqqis konsiderevoli tal-ispejjeż fil-pagamenti tal-kummerċ elettroniku u jagħmluhom aċċessibbli għal suq usa'. Ikun jista' jingħad ukoll li s-suq tal-pagamenti jsir aktar sigur minħabba li tiġi trasferita ħafna inqas informazzjoni sensittiva. Il-pagamenti onlajn li jsiru bil-kards jeħtieġu li tiddaħħal data sensittiva ħafna u għalhekk huma suxxettibbli ħafna għal frodi. Il-metodi attwali ta' sigurtà (3-D sigura eċċ.) qed jippruvaw jegħlbu dan, iżda jinvolvu proċess twil u mhumiex adatti.

Brussell, 11 ta' Diċembru 2013

*Il-President*
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
Henri MALOSSE

*APPENDIĊI*

**għall-Opionjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

L-emendi li ġejjin inċaħdu waqt id-diskussjoni iżda rċevew aktar minn kwart tal-voti (Artikolu 54(3) tar-Regoli ta' Proċedura):

**Punt 2.18**

Ibdel it-test kif ġej:

*Il-KESE jipproponi li l-proposta attwali tiġi emendata biex titwaqqaf sistema ta' kards ta' debitu ~~mingħajr tariffi tal-interkambju multilaterali,~~ abbażi tal-aktar skemi nazzjonali effiċjenti attwalment. Flimkien ma' dan, il-limitu massimu għall-kreditu, stabbilit għal 0,3 %, għandu jiġi rivedut bil-għan li jiġi ssettjat f'livell adegwat~~aktar baxx fi proporzjon mal-livell ta' dejn aktar baxx~~. Għandhom jiġu riveduti l-miżuri u għandha ssir valutazzjoni tal-impatt tagħhom fuq in-negozji u l-konsumaturi.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 49

Kontra: 108

Astensjonijiet: 20

**Punt 2.19**

Ibdel it-test kif ġej:

*Ir-Regolament IF idaħħal il-limiti massimi fis-seħħ f'żewġ stadji: it-tranżazzjonijiet transkonfinali jkunu soġġetti għal-limitu massimu xahrejn wara d-dħul fis-seħħ u t-tranżazzjonijiet domestiċi sentejn wara d-dħul fis-seħħ. Il-KESE jappella lill-Kummissjoni biex tanalizza bir-reqqa l-impatt ta' din l-ewwel miżura fuq il-partijiet interessati (konsumaturi, negozjanti, impjegaturi u impjegati ta' din is-sistema ta' pagament, eċċ.) qabel l-applikazzjoni tat-tieni fażi~~jiddubita kemm hu meħtieġ perjodu twil ta' tranżizzjoni bħal dan għat-tariffi tal-interkambju multilaterali domestiċi. Bosta mill-pagamenti jsiru lokalment u s-suq tal-pagamenti transkonfinali huwa żgħir ħafna paragun miegħu. Huwa għalhekk fis-suq domestiku li l-livelli tat-tariffi tal-interkambju huma l-akbar piż għan-negozjanti u konsegwentament għall-konsumaturi. Għas-suq domestiku, perjodu ta' tranżizzjoni twil daqshekk ikun ifisser li l-benefiċċji reali tar-Regolament jitwasslu tard iżżejjed~~.*

**Riżultat tal-votazzjoni:**

Favur: 48

Kontra: 121

Astensjonijiet: 22